

## I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

## RAKKOMANDAZZJONIJET

# BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

### RAKKOMANDAZZJONI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

**tal-11 ta' Diċembru 2015**

**dwar ir-rikoxximent u l-iffissar ta' rati tar-riżerva ta' kapital kontroċikliċi għall-iskoperturi lil pajjiżi terzi**

**(BERS/2015/1)**

**(2016/C 97/01)**

IL-BORD ĠENERALI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali fl-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(b), (d) u (f) u l-Artikoli 16 sa 18 tiegħi,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-attivitā tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investimenti, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 138 u 139 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BERS/2011/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Jannar 2011 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 15(3)(e) u l-Artikoli 18 sa 20 tagħha,

Billi:

- (1) L-amplifikazzjoni proċiklika ta' xokkijiet finanzjarji għall-ekonomija reali permezz tas-sistema bankarja u s-swieq finanzjarji kienet wieħed mill-elementi l-aktar distabilizzanti tal-kriżi finanzjarja globali. Tnaqqis ekonomiku wara perjodu ta' tkabbir eċċessiv tal-kreditu jista' jwassal għal telf kbir fis-settur bankarju u jagħti bidu għal ċirku viz-zuż. F'sitwazzjoni bħal din, il-passi meħuda minn istituzzjonijiet ta' kreditu biex isaħħu l-karti tal-bilanċ tagħhom jistgħu jirrestrinġu l-provvista ta' kreditu għall-ekonomija reali, biex b'hekk jiġi aggravat it-tnejx.
- (2) Ir-riżerva kapitali kontroċiklika hija ddisinjata li taħdem kontra dawn id-dinamiċi proċikliċi billi tiżdied ir-reżiljenza tas-settur bankarju. Ir-regoli li jeħtieġu ż-żamma ta' riżervi ta' kapital kontroċikliċi jifformaw parti mill-standards regolatorji globali ġoddha fuq l-adegwatezza kapitali bankarja (il-qafas Basel III) maħruġa mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (BCBS) f'Diċembru 2010 u implementati fl-Unjoni bid-Direttiva 2013/36/UE. Biż-żieda tar-rata ta' riżerva kontroċiklika, awtoritajiet jew korpi pubbliċi nominati jistgħu jeħtieġu li s-settur bankarju jibni kapital addidżjonal fperijodi meta r-riskji mas-sistema kollha minn tkabbir ta' kreditu eċċessiv qegħdin jiżdiedu. Meta dawn ir-riskji jimmaterjalizzaw, l-lawtortiatjiet jistgħu jifissaw ir-rata tar-riżerva tal-kapital kontroċiklika frata iktar baxxa u jippermettu din ir-riżerva ta' kapital addidżżonali tintuża biex tassorbi telf mhux mistenni. Dan jippermetti lis-settur bankarju li jkompli jiprovd kreditu lill-ekonomija reali u biex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-kapital regolatorju.

<sup>(1)</sup> ĠUL 331, 15.12.2010, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠUL 176, 27.6.2013, p. 338.

<sup>(3)</sup> ĠUC 58, 24.2.2011, p. 4.

- (3) Is-self transkonfinali jgħib dimensjoni internazzjonali għar-riżerva ta' kapital kontroċiklika. It-telf jista' jirriżulta minn skoperturi tas-setturi bankarji domestiċi tal-Istati Membri lil pajjiżi terzi. Dan it-telf jista' jkun sinjifikanti jekk pajjiż terz li miegħu s-setturi bankarju domestiku tal-Istat Membru għandu skoperturi materjali jidħol fi tnaqqis ekonomiku wara perijodi ta' tkabbir ta' kreditu eċċessiv.
- (4) Il-qafas Basel III dwar ir-riżerva kapitali kontroċiklika huwa ddisinjat biex jaqbad din id-dimensjoni internazzjonali. B'mod partikolari, skont il-qafas, il-ġurisdizzjonijiet għandhom jirrikonox Xu r-rati tar-riżerva ta' kapital kontroċikliċi ta' xulxin. Jekk awtorità f'ġurisdizzjoni waħda żżid ir-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika biex tiproteġi s-setturi bankarju domestiku tagħha minn tkabbir ta' kreditu eċċessiv, l-awtoritajiet f'ġurisdizzjonijiet oħrajn għandhom japplikaw l-istess rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika fl-iskoperturi tal-banek domestiċi tagħhom lil dak il-pajjiż. Skont il-qafas, il-banek jikkalkulaw ir-rekwiżiti tar-riżervi ta' kapital tagħhom fuq il-bażi tal-post ġeografiċu tal-iskoperturi tagħhom. Il-qafas Basel III jipprovd iġħad reċiproċità ġurisdizzjonali obbligatorja għal rati tar-riżerva ta' kapital kontroċikliċi sa 2,5 %, bla ħsara għal dispożizzjonijiet tranżitorji. Jekk applikata b'mod konsistenti fil-ġurisdizzjonijiet kollha, din ir-reċiproċità ġurisdizzjonali tgħin biex tiproteġi lis-setturi bankarju f'ġurisdizzjoni partikolari mir-riskji assoċjati ma' tkabbir ta' kreditu eċċessiv f'ġurisdizzjonijiet oħrajn.
- (5) Billi l-standards BCBS ma humiex legalment vinkolanti, il-ġurisdizzjonijiet fid-dinja jistgħu ma jimplimentawx ir-riżerva tal-kapital kontroċiklika bl-istess mod. Jistgħu jidu minn jimplimentawha jew ma jimplimentawha xejn. Fl-Unjoni, l-Artikolu 136 tad-Direttiva 2013/36/UE jipprevedi l-mod kif awtoritajiet nominati għandhom jiffissaw rati tar-riżerva ta' kapital kontroċikliċi għal skoperturi domestiċi. Iktar gwida fuq l-iffissar tar-rati tar-riżerva ta' kapital kontroċikliċi għall-iskoperturi domestiċi, kif meħtieġ mill-Artikolu 135 tad-Direttiva 2013/36/UE, hija pprovduta fir-Rakkmandazzjoni BERS/2014/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (¹). Fl-Unjoni, qafas legali komuni ddisinjat biex jegħleb it-tendenza għal nuqqas ta' azzjoni qiegħed b'hekk fis-seħħ, u l-iffissar trimestrali tar-rati tar-riżerva ta' kapital kontroċikliċi għall-iskoperturi domestiċi sejkun obbligatorji mill-2016. Iżda, hemm inċertezza dwar jekk u sa fejn pajjiżi terzi li ma humiex membri tal-BCBS se jimplimentaw ir-riżerva ta' kapital kontroċiklika.
- (6) L-awtoritajiet innominati għandhom setgħat legali biex jipproteġu s-setturi bankarji tagħhom minn riskji ġejjin minn tkabbir ta' kreditu eċċessiv f'pajjiżi terzi. B'mod partikolari, l-Artikolu 139 tar-Direttiva 2013/36/UE jippermetti awtoritajiet innominati fċerti ċirkustanzi li jiffissaw rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika għall-iskoperturi lil pajjiż terz li domeskament istiuzzjonijiet awtorizzati għandhom japplikaw biex jikkalkolaw ir-riżerva ta' kapital kontroċiklika speċifika għall-istituzzjoni tagħhom. Awtorità nnominata tista' ta' qiegħed fejn rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika ma kinitx iffissata u ppubblikata mill-awtorità tal-pajjiż terz rilevanti għal dak il-pajjiż, jew jekk tikkunsidra li r-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika ffissata mill-awtorità tal-pajjiż terz rilevanti għal dak il-pajjiż terz ma hiji bixx-jejjel biex tiproteġi s-setturi bankarji domestiċi tal-Istati Membri minn telf potenzjali assoċjat ma' tkabbir ta' kreditu eċċessiv fil-pajjiż terz inkwiżjoni.
- (7) L-iffissar ta' rati tar-riżerva ta' kapital kontroċikliċi għal skoperturi lil pajjiżi terzi jista', jekk isir b'mod mhux kkoordinat, jirriżulta frekwiziċċi kapitali differenti ġewwa l-Unjoni għal skoperturi lill-istess pajjiż terz u l-istess riskji. Meta ssir analiżi tal-iżviluppi f'pajjiż terz, l-awtoritajiet innominati jistgħu jaslu għal konklużjonijiet differenti dwar jekk it-tkabbir ta' kreditu f'dak il-pajjiż huwiex eċċessiv u joħloqx riskju għas-sistema bankarja domestika tagħhom li hemm bżonn jittaffa. Anki jekk awtoritajiet innominati jaslu għall-istess valutazzjoni tar-riskju, jistgħu jaslu għal konklużjonijiet differenti dwar il-livelli tar-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċikliċi xierqa neċċesarja biex ittaffī r-riskju.
- (8) Ir-rikonoximent tar-rati tar-riżerva ta' kapital kontroċikliċi għal skoperturi lil pajjiżi terzi jista', jekk isir b'mod mhux kkoordinat, jirriżulta wkoll frekwiziċċi kapitali differenti ġewwa l-Unjoni. Ir-rikonoximent ta' rati tar-riżerva ta' kapital kontroċikliċi ffissati minn awtoritajiet innominati oħrajn jew minn awtoritajiet ta' pajjiż terz rilevanti huwa meħtieġ mil-liġi tal-Unjoni għal rati sa 2,5 % bla ħsara għal dispożizzjonijiet tranżitorji bejn l-2016 u l-2019 kif stabbilit fl-Artikolu 160 tad-Direttiva 2013/36/UE. Filwaqt li skont ir-Rakkmandazzjoni BERS/2014/1, l-awtoritajiet innominati ġeneralment għandhom jirrikonox Xu rati tar-riżerva ta' kapital kontroċikliċi lil hinn minn livelli obbligatorji, dan japplika biss għar-rati tar-riżerva ta' kapital kontroċikliċi ffissati minn awtoritajiet innominati f'ġurisdizzjonijiet ġewwa l-Unjoni, u mhux għal dawk iffissati minn awtoritajiet ta' pajjiżi terzi rilevanti għal pajjiżi terzi. Dan ifisser li l-mod kif ir-rati tar-riżerva ta' kapital kontroċikliċi ffissati mill-awtoritajiet tal-pajjiż terz rilevanti jiġu rrikonoxxuti jista' jkun differenti ġewwa l-ġurisdizzjonijiet fl-Unjoni. B'mod partikolari, qabel l-2019, xi awtoritajiet innominati jistgħu jagħżu jagħżlu li japplikaw dispożizzjonijiet tranżitorji, filwaqt li awtoritajiet innominati oħrajn jistgħu jagħżu jagħżlu li jiddevjaw minnhom. Barra minn hekk, mill-2019, xi awtoritajiet innominati jistgħu jagħżu jagħżlu li jirrikonox Xu volontarjament rati tar-riżerva ta' kapital kontroċikliċi li jaqbżu 2,5 %, filwaqt li oħrajn jistgħu jagħżlu li ma jagħmlux hekk.

(¹) Rakkmandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tat-18 ta' Ġunju 2014 dwar gwida għall-iffissar tar-rati tar-riżerva kontroċiklika (ĠU C 293, 2.9.2014, p. 1).

- (9) Rekwiżiti kapitali differenti ġewwa l-Unjoni għal skoperturi lill-istess pajiż terz u l-istess riskji jkunu tipikament mhux mixtieqa, billi jimminaw kundizzjonijiet ugħali fl-Unjoni u jipprovd u opportunità għal arbitraġġ regolatorju. Istituzzjonijiet ta' kreditu fil-ġurisdizzjonijiet tal-Unjoni fejn tapplika rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklikha għall-iskoperturi lil pajiż terz partikolari minn dik applikabbli fil-ġurisdizzjonijiet oħrajn tal-Unjoni jkollhom incēntiv li jiksbu sehem mis-suq billi jiżdied is-self tagħhom lil dak il-pajiż terz. Żieda bħal dik fis-self tista' twassal għal skoperturi kkonċentrat i-kbar lil pajiż terz partikolari mill-istituzzjonijiet ta' kreditu f-ġurisdizzjoni partikolari. Fl-aħħar mill-aħħar, kundizzjonijiet mhux ugħali bħal dawk u l-inċentivi li jirriżultaw għall-arbitraġġ regolatorju jistgħu jheddu l-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni.
- (10) Il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) għandu rwol biex jiżgura li, fir-rigward ta' pajiż terz partikolari, l-istess rati tar-riżerva ta' kapital kontroċikliċi għal skoperturi lil pajiżi terzi jaapplikaw tipikament fi ħdan l-Unjoni. Il-BERS għandu mandat espliċitu li jikseb koerenza fuq dan skont l-Artikolu 139(3) tad-Direttiva 2013/36/UE. Il-BERS jikkunsidra li jista' jaqdi bl-aħħjar mod il-mandat tiegħu billi jippromwovi approċċi koerenti fi ħdan l-Unjoni għar-rikonoxximent u l-iffissar ta' rati tar-riżerva ta' kapital kontroċikliċi għal skoperturi lil pajiżi terzi.
- (11) Din ir-Rakkmandazzjoni hija ddisinjata biex tiżgura li l-istess rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklikha għal espożżiżjonijiet lil pajiż terz partikolari jaapplikaw tipikament fi ħdan l-Unjoni. Hija tkopri: (a) ir-rikonoxximent minn awtoritajiet innominati ta' rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklikha ffissata minn awtorità ta' pajiż terz rilevanti; (b) l-iffissar minn awtoritajiet innominati ta' rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklikha għal skoperturi lil pajiż terz; (c) l-iffissar minn awtoritajiet innominati ta' rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklikha b'rata iktar baxxa meta riskji f-pajiż terz partikolari jonqsu jew immaterjalizzaw; u (d) il-komunikazzjoni minn awtoritajiet innominati tar-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklikha għal skoperturi lil pajiż terz.
- (12) Ir-Rakkmandazzjoni A hija ddiznjata biex tiżgura li l-awtoritajiet innominati tipikament jirrikonox Xu l-istess rata tar-riżerva kapitali kontroċiklikha ffissata minn awtorità partikolari ta' pajiż terz għal dak il-pajiż terz. Sabiex dan iseħħ, tibni fuq ir-rekwiżit stabbilit fil-liġi tal-Unjoni sabiex jiġi rrikonoxxuti għal kollex rati tar-riżerva ta' kapital kontroċikliċi sa 2,5 %, bla ħsara għal ftehim tranżitorji. Huwa rrakkmandat li l-awtoritajiet innominati jikkoordinaw ir-rikonoxximent tagħhom tar-rati ta' riżerva kontroċikliċi ffissati fit-tnejd minn 2,5 % permezz tal-BERS. Meta jiġi dan, il-BERS joħroġ rakkmandazzjoni sabiex jipprovdi gwida lill-awtoritajiet innominati dwar jekk u sa fejn ir-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklikha ffissata minn pajiż terz għandha tiġi rrikonoxxuta. Filwaqt li l-iffissar tar-rati ta' riżerva kontroċikliċi minn pajiżi terzi li huma membri tal-BERS jiġi mmoniterjati mis-Segretarjat tal-BERS, l-awtoritajiet innominati għandhom jinfurmaw lill-BERS meta pajiż terz li ma huwiex membru tal-BCBS jiffissa rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklikha fiktar minn 2,5 %. Huwa rrakkmandat ukoll li awtoritajiet innominati jinnotifikaw lill-BERS meta ma jkunux ċari dwar jekk miżura partikolari adottata minn pajiż terz għandhiex tiġi rrikonoxxuta skont id-Direttiva 2013/36/UE bħala riżerva ta' kapital kontroċikliku. F'dawn il-każijiet, il-BERS joħroġ rakkmandazzjoni biex jipprovdi gwida.
- (13) Ir-Rakkmandazzjoni B hija ddisinjata biex tiżgura li l-awtoritajiet innominati, meta jeżerċitaw is-setgħat tagħ-hom biex jiffissaw rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklikha għal skoperturi lil pajiż terz partikolari, jiffissaw din ir-rata fl-istess livell. L-awtoritajiet innominati huma inkoragiġti li jeżerċitaw il-poteri tagħhom skont l-Artikolu 139 tad-Direttiva 2013/36/UE. B'mod partikolari, l-awtoritajiet innominati għandhom jistabbilixxu ma' liema pajiżi terzi s-sistema bankarja fil-ġurisdizzjoni tagħhom għandhom skoperturi materjali. Barra minn hekk, għandhom jimoniterjaw żviluppi f'dawk il-pajiżi terzi għal sinjalji ta' tkabbir ta' kreditu eċċessiv. Jekk l-awtoritajiet innominati jiskopru dawn is-sinjalji f'wieħed minn dawk il-pajiżi terzi li jimoniterjaw u huma jikkunsidraw li jeħtieġ l-iffissar ta' rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklikha għall-iskoperturi lil dak il-pajiż terz, għandhom jinfurmaw lill-BERS. Jekk il-BERS jikkunsidra li azzjonijiet ta' taffija għandhom jiġi kkoordinati fi ħdan l-Unjoni, għandu joħroġ rakkmandazzjoni lil awtoritajiet innominati fuq l-iffissar tar-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklikha xierqa għal skoperturi lil pajiżi terzi inkwistjoni.
- (14) Ir-Rakkmandazzjoni C hija ddisinjata biex tiżgura li, meta għandu jkun hemm iffissar tar-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklikha għal skoperturi lil pajiż terz partikolari b'rata iktar baxxa għaliex ir-riskji jew naqqsu jew immaterjalizzaw, l-istess rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklikha iktar baxxa tapplika fi ħdan l-Unjoni. Għal dan l-iskop, huwa rrakkmandat li, meta tiġi ffissata frata iktar baxxa r-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklikha lil pajiż terz partikolari, l-awtoritajiet innominati għandhom isegwu l-istess rottu li segwew meta żidiet ir-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklikha. Dan ifisser li, jekk l-awtoritajiet innominati rrikonoxxew jew issif saw rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklikha għal skoperturi lil pajiż terz skont rakkmandazzjoni tal-BERS, għandhom jaħdmu mal-BERS biex jiddeterminaw il-livell xieraq tar-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklikha għall-iskoperturi lil pajiżi terzi meta l-pajiż terz inkwistjoni jiffissa fl-livell iktar baxx ir-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklikha. Meta jiġi dan, il-BERS għandu jadotta rakkmandazzjoni biex jipprovdi gwida lil awtoritajiet innominati dwar

ir-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika xierqa għal skoperturi lill-pajjiż terz inkwistjoni. Filwaqt li l-iffissar tar-rati ta' riżerva kontroċikliċi minn pajjiżi terzi li huma membri tal-BERS jiġu mmoniterjati mill-BERS, l-awtoritajiet innominati għandhom jinfurmaw lill-BERS meta pajjiż terz li ma huwiex membru tal-BCBS jiffissa rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika frata iktar baxxa. Huwa rrakkomandat ukoll li, jekk, wara r-rakkomandazzjoni tal-BERS, l-awtoritajiet innominati trikonoxxew jew iffissaw rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika għal skoperturi għal pajjiż terz, għandhom jinnotifikaw lill-BERS, jekk jikkunsidraw li r-riskji f'dak il-pajjiż terz naqqsu jew qed jimmaterjalizzaw.

- (15) Ir-Rakkomandazzjoni D hija ddisinjata biex tiżgura li deċiżjonijiet dwar rati tar-riżerva ta' kapital kontroċikliċi għal espożizzjonijiet lil pajjiżi terzi jiġu kkommunikati b'mod ċar fi ħdan l-Unjoni. Dan għandu jgħin fil-ġestjoni tal-aspettattivi pubbliċi, jiġi żgurat li l-azzjonijiet bejn l-awtoritajiet innominati jistgħu jiġi kkoordinati u li l-kredibbiltà, ir-responsabbiltà u l-effettività tal-politika makroprudenzjali jittejbu. Sabiex dan jintlaħaq l-awtoritajiet innominati għandhom japplikaw l-istess prinċipju ffissat fir-Rakkomandazzjoni BERS/2014/1 għall-komunikazzjoni ta' rati tar-riżerva kontroċikliċi għal skoperturi domestiċi għall-proċess tar-rikonoxximent, l-iffissar u t-tnaqqis tar-rati ta' riżerva ta' kapital kontroċikliċi għal skoperturi lil pajjiżi terzi.
- (16) Skont l-Artikolu 136 tad-Direttiva 2013/36/UE, kull Stat Membru huwa meħtieġ li jinnomina awtorità pubblika jew korp li jkun responsabbi għall-iffissar u r-rikonoxximent ta' rati tar-riżerva ta' kapital kontroċikliċi. Barra minn dan, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013<sup>(1)</sup> jassenja kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE). B'mod partikolari, il-BĊE jista' japplika rekwiżi oħġla għal riżervi kapitali kontroċikliċi minn dawk mill-awtoritajiet innominati nazzjonali li jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, u għandu s-setgħat u l-obblig kollha li għandhom awtoritajiet innominati skont il-liġi tal-Unjoni relevanti. Għal dan l-iskop eskużiv, il-BĊE huwa kkunsidrat bħala awtorità nnominata.
- (17) Ir-rakkomandazzjoni jipprova l-riżerva ta' kapital kontroċikliċi ffissati minn awtoritajiet ta' pajjiżi terz.

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

#### TAQSIMA 1

#### RAKKOMANDAZZJONI JIJIET

#### Rakkomandazzjoni A – Rikonoxximent ta' rati tar-riżerva ta' kapital kontroċikliċi ffissati minn awtoritajiet ta' pajjiżi terz

1. Meta awtorità ta' pajjiżi terz rilevanti tiffissa rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika għal dak il-pajjiż terz b'iżjed minn 2,5 %, l-awtoritajiet innominati huma rrakkomandati li jinfurmaw minnufihi lill-BERS sabiex jitkolli għidha dwar rikonoxximent uniformi ġewwa l-Unjoni, sakemm ir-rati tapplika għal pajjiżi li huwa membru tal-BCBS jew il-BERS ikunu infurmati digħi dwar rata tar-riżerva ta' kapital kontroċikliċi partikolari minn awtorità nnominata oħra. L-awtoritajiet innominati huma rrakkomandati li jużaw il-mudell fl-Anness I ta' din ir-Rakkomandazzjoni biex jinfurmaw lill-BERS.
2. Meta l-awtoritajiet innominati ma jkunux ċari jekk miżura partikolari adottata minn awtorità ta' pajjiżi terz għand-hiex tiġi rrikonoxxuta skont id-Direttiva 2013/36/UE bħala rata tar-riżerva ta' kapital kontroċikliċi, l-awtoritajiet innominati huma rrakkomandati li jinfurmaw minnufihi lill-BERS, sakemm il-BERS ma jkunx digħi għie infurmat minn awtorità nnominata oħra. L-awtoritajiet innominati huma rrakkomandati li jużaw il-mudell fl-Anness I ta' din ir-Rakkomandazzjoni biex jinfurmaw lill-BERS.

#### Rakkomandazzjoni B – Iffissar ta' rati tar-riżerva ta' kapital kontroċikliċi għall-iskoperturi lil pajjiżi terzi

1. L-awtoritajiet innominati huma rrakkomandati li jidher paxiżi terzi materjali fuq bażi annwali. Din l-identifiċċi kazzjoni għandha tkun ibbażata fuq, imma mhux neċċessarjament limitata għal, informazzjoni kwantitattiva fuq l-iskoperturi ta' istituzzjonijiet awtorizzati domistikament lil pajjiżi terzi. L-awtoritajiet innominati huma rrakkomandati li jissottomettu lista ta' dan il-materjal lil pajjiżi terzi lill-BERS fit-tieni trimestru ta' kull sena bl-użu tal-mudell fl-Anness II ta' din ir-Rakkomandazzjoni.
2. L-awtoritajiet innominati huma rrakkomandati li jimmoniterjaw ir-riskji minn tkabbir ta' kreditu eċċessiv f'pajjiż terzi materjali identifikati skont il-paragrafu 1, bħala minimu, f'intervalli annwali, hliex għal pajjiżi li huma mmoniterjati mill-BERS skont id-Deċiżjoni BERS/2015/3<sup>(2)</sup>. L-awtoritajiet innominati huma rrakkomandati li jinnotifikaw lill-BERS b'każiġiet fejn jiddeċiedu li ma jimmoniterjawx pajjiż terz materjali għaliex dak il-pajjiż digħi qed jiġi mmoniterjat mill-BERS skont id-Deċiżjoni BERS/2015/3. L-awtoritajiet innominati huma rrakkomandati li jużaw il-mudell fl-Anness II ma' din ir-Rakkomandazzjoni biex jinnotifikaw lill-BERS b'dawn il-każiġiet.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).

<sup>(2)</sup> Il-verżjoni bl-Ingliż hija disponibbli fil-websa tal-BERS fi [www.esrb.europa.eu](http://www.esrb.europa.eu).

3. L-awtoritajiet innominati huma rrakkmandati li jinnotifika lill-BERS b'sitwazzjonijiet fejn jikkunsidraw li awtorità ta' pajjiż terz rilevanti għandha tiffissa u tippubblika rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika għal dak il-pajjiż terz, jew fejn il-livell tar-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika ffissata u ppubblikata minn awtorità ta' pajjiż terz rilevanti għal dak il-pajjiż terz mhuwiex ikkunsidrat biżżejjed għall-protezzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji domestiċi mir-riskji ta' tkabbir ta' kreditu eċċessiv fil-pajjiż terz inkwistjoni. L-awtoritajiet innominati huma rrakkmandati li jużaw il-mudell fl-Anness I ta' din ir-Rakkmandazzjoni biex jinfurmaw lill-BERS bih.

#### **Rakkmandazzjoni C – Iffissar ta' rati tar-riżerva ta' kapital kontroċikliċi għall-iskoperturi lil pajjiżi terzi b'rata iktar baxxa**

1. Jekk rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika ffissata minn awtorità ta' pajjiż terz rilevanti għal dak il-pajjiż terz tiġi rrikonoxxuta fuq il-bażi ta' rakkmandazzjoni tal-BERS, u l-awtorità tal-pajjiż terz rilevanti tiffissa r-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika b'rata iktar baxxa, l-awtoritajiet innominati huma rrakkmandati li jinfurmaw minnufih lill-BERS sabiex jitkol fuq ir-rikonoxximent uniformi jew l-iffissar ta' rati ta' riżerva ta' kapital kontroċikliċi ġodda, sakemm ir-rata inkwistjoni tapplika għal pajjiż li huwa membru tal-BCBS, jew il-BERS kien informat diġà bir-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika ġiddi iktar baxxa minn awtorità nnominata oħra. L-awtoritajiet innominati huma rrakkmandati li jużaw il-mudell fl-Anness I ta' din ir-Rakkmandazzjoni biex jinfurmaw lill-BERS bih.
2. Jekk l-awtorità tal-pajjiż terz rilevanti tiffissa r-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika frata iktar baxxa u r-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika li tapplika għall-iskoperturi lil dak il-pajjiż terz kienet ffissata fuq rakkmandazzjoni tal-BERS, l-awtoritajiet innominati huma rrakkmandati li jinfurmaw minnufih lill-BERS b'dan sabiex jitkol fuq ir-rikonoxximent uniformi jew l-iffissar ta' rati ta' riżerva ta' kapital kontroċiklika iktar baxxa lil skoperturi lil dak il-pajjiż terz, sakemm ir-rata inkwistjoni tapplika għal pajjiż li huwa membru tal-BCBS jew il-BERS ikun diġà ġie infurmat bir-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika iktar baxxa ġiddi minn awtorità nnominata oħra. L-awtoritajiet innominati huma rrakkmandati li jużaw il-mudell fl-Anness I ta' din ir-Rakkmandazzjoni biex jinfurmaw lill-BERS bih.
3. Jekk ir-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika li tapplika l-iskoperturi lil pajjiż terz ġiet iffisata fuq il-bażi ta' rakkmandazzjoni tal-BERS, u awtorità nnominata tikkunsidra li r-riski qed jimmaterjalizzaw jew jonsu, dik l-awtorità nnominata hija rrakkmandata li tinnnotifika minnufih lill-BERS biha sabiex titlob gwida dwar jekk rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika iktar baxxa għandhiex tigħi applikata għal skoperturi lil dak il-pajjiż terz, sakemm il-BERS diġà ġie infurmat biha minn awtorità nnominata oħra. L-awtoritajiet innominati huma rrakkmandati li jużaw il-mudell fl-Anness I ta' din ir-Rakkmandazzjoni biex jinfurmaw lill-BERS bih.

#### **Rakkmandazzjoni D – Komunikazzjoni tad-deċiżjonijiet fuq ir-rikonoxximent u l-iffissar ta' rati tar-riżerva ta' kapital kontroċikliċi għall-iskoperturi lil pajjiżi terzi**

L-awtoritajiet innominati huma rrakkmandati li jemendaw l-istrategjiji u l-oqfsa għall-komunikazzjoni tagħhom, żviluppati skont il-Prinċipju 5 tar-Rakkmandazzjoni A tat-Taqsima 1 tar-Rakkmandazzjoni BERS/2014/1, biex jinkludu deċiżjonijiet dwar ir-rikonoxximent u l-iffissar ta' riżerva kontroċiklika għal skoperturi lil pajjiżi terzi.

#### TAQSIMA 2

#### IMPLEMENTAZZJONI

##### **1. Interpretazzjoni**

Għall-finijiet ta' din ir-Rakkmandazzjoni, jaapplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) “rata tar-riżerva ta’ kapital kontroċiklika” għandha l-istess tifsira bħal fl-Artikolu 128(7) tad-Direttiva 2013/36/UE;
- (b) “awtorità nnominata” għandha l-istess tifsira mogħtija fir-Rakkmandazzjoni BERS/2014/1;
- (c) “istituzzjoni awtorizzata domistikament” tħisser istituzzjoni li tkun ġiet awtorizzata fl-Istat Membru, li għaliha awtorità nnominata partikolari tkun responsabbi għall-iffissar tar-rata tar-riżerva ta’ kapital kontroċiklika;
- (d) “skoperturi materjali” ifissru skoperturi li potenżjalment jistgħu jirriżultaw ftelf sostanzjali għal istituzzjonijiet awtorizzati domistik ġurisdizzjoni partikolari, li jaffettwaw b'mod negattiv l-istabbiltà finanzjarja f'dik il-ġurisdizzjoni;
- (e) “pajjiż terz materjali” ifisser pajjiż terz li għalihom għandhom skoperturi materjali istituzzjonijiet awtorizzati domistikament;
- (f) “awtorità ta’ pajjiż terz rilevanti” tħisser l-awtorità jew korp pubbliku responsabbi għall-iffissar ta’ rati tar-riżerva ta’ kapital kontroċikliċi ġewwa pajjiż terz;
- (g) “pajjiż terz” ifisser kull ġurisdizzjoni barra miż-Żona Ekonomika Ewropea.

## 2. Kriterji għall-konformità

Id-destinatarji għandhom jirrapportaw dwar l-azzjonijiet li jieħdu b'risposta għal din ir-Rakkmandazzjoni, jew jiġi-ġustifikaw b'mod adegwat kwalunkwe nuqqas ta' azzjoni. Bħala minimu r-rapporti għandhom jinkludu:

- (a) informazzjoni dwar it-tip ta' azzjoni meħuda u meta ssir;
- (b) valutazzjoni dwar jekk l-azzjonijiet meħuda laħqux l-oġġettivi ta' din ir-Rakkmandazzjoni;
- (c) ġustifikazzjoni dettaljata ta' kull nuqqas ta' azzjoni jew devjazzjoni minn din ir-Rakkmandazzjoni, inkluża kull raġuni għad-dewmien fir-rapportar.

## 3. Skeda ta' żmien għas-segwitu

1. Id-destinatarji huma mitluba li jirrapportaw lill-BERS, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni l-azzjonijiet li huma jkunu ħadu b'risposta għal din ir-Rakkmandazzjoni, jew li jiġi-ġustifikaw kwalunkwe nuqqas ta' azzjoni, kif speċifikat fl-iskadenzi li jidhru hawn taħt.
2. *Rakkmandazzjoni A* – Awtortitajiet innominati huma mitluba li jimplimentaw minnufih ir-Rakkmandazzjoni A(1) u A(2) fil-każ li s-sitwazzjoni prevista fir-Rakkmandazzjoni rilevanti tiġri, u jiġi sottomess rapport lill-BERS sal-31 ta' Diċembru 2020 dwar l-implementazzjoni tar-Rakkmandazzjoni A(1) u A(2).
3. *Rakkmandazzjoni B* – L-awtoritajiet innominati huma mitluba:
  - (a) jirrapportaw lill-BERS sal-31 ta' Diċembru 2016 lista ta' kriterji stabbiliti għall-valutazzjoni tal-materjalità tal-pajjiżi terzi rilevanti sabiex tiġi implementata r-Rakkmandazzjoni B(1);
  - (b) jimplimentaw minnufih ir-Rakkmandazzjoni B(1) fil-każ li s-sitwazzjoni prevista f'dik ir-Rakkmandazzjoni sseħħ u, sal-31 ta' Diċembru 2020, jiġi sottomess rapport lill-BERS dwar l-implementazzjoni tar-Rakkmandazzjoni B(1);
  - (c) jirrapportaw lill-BERS sal-31 ta' Diċembru 2016 dwar kif jimmoniterjaw riskji mit-tkabbir ta' kreditu eċċessiv f'pajjiżi terzi materjali sabiex tiġi implementata r-Rakkmandazzjoni B(2);
  - (d) jimplimentaw minnufih ir-Rakkmandazzjoni B(3) fil-każ li s-sitwazzjoni prevista f'dik ir-Rakkmandazzjoni sseħħ u, sal-31 ta' Diċembru 2020, jirrapportaw lill-BERS dwar l-implementazzjoni tar-Rakkmandazzjoni B(3);
4. *Rakkmandazzjoni C* – L-awtoritajiet innominati huma mitluba li jimplimentaw minnufih ir-Rakkmandazzjoni C(1), C(2) u C(3) fil-każ li s-sitwazzjoni prevista fir-Rakkmandazzjoni rilevanti tiġri, u sal-31 ta' Diċembru 2020, jirrapportaw lill-BERS dwar l-implementazzjoni tar-Rakkmandazzjoni C(1), C(2) u C(3).
5. *Rakkmandazzjoni D* – L-awtoritajiet innominati huma mitluba li jirrapportaw lill-BERS sal-31 ta' Diċembru 2016 dwar l-implementazzjoni tar-Rakkmandazzjoni D.
6. Il-Bord Ġenerali għandu jiddeċiedi meta din ir-Rakkmandazzjoni teħtieġ li tiġi rriveduta jew aġġornata fid-dawl ta' esperjenza miksuba fl-iffissar u r-rikonoxximent ta' rati tar-riżerva ta' kapital kontroċikliċi skont id-Direttiva 2013/36/UE jew fid-dawl ta' żviluppi fi prattiki miftiehma internazzjonālment.

## 4. Monitoraġġ u evalwazzjoni

- (a) Is-Segretarjat tal-BERS:
  - (i) jassisti lid-destinatarji, inkluż billi jiffaċilita r-rapportar ikkoordinat, jipprovi mudelli relevanti u jippreċiża fejn ikun meħtieġ il-proċedura u l-kronoloġija għall-konformità;
  - (ii) jivverifika l-konformità mid-destinatarji, inkluż billi jassistihom fuq talba tagħhom, u jissottometti rapporti ta' konformità lill-Bord Ġenerali.
- (b) Il-Bord Ġenerali jivvaluta l-azzjonijiet u l-ġustifikazzjoni jiet irrapporati mill-indirizzati u jiddeċiedi jekk din ir-Rakkmandazzjoni ġietx segwita u jekk l-indirizzati kinux iġġustifikati b'mod adegwat jew le fin-nuqqas ta' azzjoni tagħhom.

Magħmulu fi Frankfurt am Main, 11 ta' Diċembru, 2015.

Il-President tal-BERS

Mario DRAGHI

## ANNESS I

## ESRB TEMPLATE FOR RECOGNITION OR SETTING OF COUNTERCYCLICAL BUFFER RATES

[NAME OF THE THIRD COUNTRY]

<b>COMMUNICATING AUTHORITY</b>	[NAME OF THE DESIGNATED AUTHORITY]
<b>DESCRIPTION OF COUNTER-CYCICAL CAPITAL BUFFER MEASURE</b>	<p>Please describe the countercyclical capital buffer measure that is the subject matter of this communication as well as the countercyclical buffer rate that was set by the relevant third-country authority.</p> <p>(Example: countercyclical buffer rate set at 0,625 % in THIRD COUNTRY XYZ with an implementation date of DD/MM/YYYY)</p>
<b>PURPOSE OF COMMUNICATION</b>	<input type="checkbox"/> Recognition of a countercyclical buffer rate set by a relevant third-country authority in excess of 2,5 %, as provided in Recommendation A(1) <input type="checkbox"/> Recognition of a countercyclical buffer rate set by a relevant third-country authority when it is unclear whether or not it can be recognised under the Union framework, as provided in Recommendation A(2) <input type="checkbox"/> Setting of a countercyclical buffer rate for exposures to a third country in the event of inaction/insufficient action by the relevant third-country authority, as provided in Recommendation B(3) <input type="checkbox"/> Setting of a countercyclical buffer rate for exposures to a third country that is higher than the countercyclical buffer rate set by the relevant third-country authority, as provided in Recommendation B(3) <input type="checkbox"/> Setting or recognition of a countercyclical buffer rate at a lower rate by the relevant third-country authority when an ESRB recommendation had already been issued for recognition of the previous rate, as provided in Recommendation C(1) <input type="checkbox"/> Setting or recognition of a countercyclical buffer rate at a lower rate by the relevant third-country authority when an ESRB recommendation had already been issued for setting a rate for exposures to that third country, as provided in Recommendation C(2) <input type="checkbox"/> Setting of a countercyclical buffer rate for exposures to a third country at a rate lower than the previous rate already established by an ESRB recommendation and where there are signs of risks from excessive credit growth materialising or abating, as provided in Recommendation C(3).
<b>HAS THE DESIGNATED AUTHORITY OF THE THIRD COUNTRY ASKED FOR RECOGNITION?</b>	<input type="checkbox"/> YES <input type="checkbox"/> NO <input type="checkbox"/> DO NOT KNOW <input type="checkbox"/> N/A
<b>DESIRED TIMEFRAME FOR THE ESRB TO REACH A DECISION</b>	
<b>OTHER RELEVANT INFORMATION</b>	
<b>CONTACT DETAILS OF THE AUTHORITY</b>	<p>Please provide an e-mail address and telephone number for the relevant contact in your institution.</p>

The designated authority representing a Union jurisdiction should notify/inform the ESRB by sending the completed template to notifications@esrb.europa.eu.

## ANNEX II

**ESRB TEMPLATE TO IDENTIFY  
MATERIAL THIRD COUNTRIES FOR  
[NAME OF THE UNION JURISDICTION]**

<b>NOTIFYING AUTHORITY</b>	
<b>MATERIAL THIRD COUNTRIES</b>	
<b>METHODOLOGY USED FOR IDENTIFYING A MATERIAL THIRD COUNTRY</b>	<p><i>Please describe the methodology used pursuant to Articles 3 and 4 of Decision ESRB/2015/3</i></p> <p>[COUNTRY 1] – ____%            [...] – ____%            [COUNTRY ...N] – ____%</p>
<b>MATERIAL THIRD COUNTRIES NOT BEING MONITORED</b>	<p><i>Please provide details of cases where the notifying authority decided not to monitor a material third country because the ESRB is already monitoring it pursuant to Decision ESRB/2015/3</i></p> <p>[COUNTRY 1]</p>
<b>OTHER RELEVANT INFORMATION USED TO IDENTIFY A MATERIAL THIRD COUNTRY</b>	
<b>CONTACT DETAILS AT THE NOTIFYING AUTHORITY</b>	<p><i>Please provide an e-mail address and telephone number for the relevant contact in your institution.</i></p>

The designated authority representing a Union jurisdiction should notify the ESRB by sending the completed template to notifications@esrb.europa.eu.

This information should be provided annually during the second quarter of the year.